**Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)**
**Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

*Kumpilazzjoni Nru. 324/2019*

**Il-Pulizija**
**(Spettur Roderick Agius)**

**-vs-**

**Charlot Falzon, detentur tal-Karta tal-Identita` numru 315985M**

**Illum**: 15 ta' Gunju, 2020

Il-Qorti,

Rat l-akkużi miġjuba fil-konfront tal-imputat Charlot Falzon u cioe` talli:

> Fix-xahar ta' April, 2019, u fix-xhur u l-ġranet ta'qabel ġewwa dawn il-Gżejjer, xjentement laqa' għandu jew xtara ħwejjeġ misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentement kull mod, indaħal sabiex ibiegħhom jew imexxihom, u ċioe` vettura tal-għamla BMW bin-numru tar-reġistrazzjoni BBV-121 liema vettura kienet ġiet misruqa min ġewwa l-Park and Ride tal-Marsa għad-detriment ta' Pauline Ellul u/jew persuni oħra.
>
> Fl-istess lok, ħin u ċirkostanzi irrenda ruħu reċediv ai termini tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta liema sentenzi huma definittivi u ma jistgħux jiġu mibdula.

Rat in-nota tal-Avukat Generali permezz ta' liema baghat lill-imputat biex jigi gudikat minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif mahsub fis-segwenti artikoli:[1]

- Fl-Artikoli 334(a), 261(c), 267 u 279(b) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-Artikoli 49 u 50 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-Artikoli 17, 31, 532A u 533 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat li l-imputat m'ghandux l-ebda oggezzjoni biex il-kaz jigi hekk trattat.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Semghet it-trattazzjoni finali.

Ikkunsidrat-

**L-Ispettur Roderick Agius** xehed: *"Pauline Ellul irrappurtat ġewwa l-għassa Ħal Qormi illi kellha l-vettura tagħha tal-għamla BMW 5 Series ta' kulur griż illi kienet ħallietha ipparkjata ġewwa l-park and ride tal-Marsa, fejn din stqarret illi xi ħmistax-il (~ 15) ġurnata wara kienet marret hemmhekk u ma kinitx sabet il-vettura fejn kienet ħallietha. Il-pulizija pruvat tanalizza s-sistema tas-CCTV biex tara naqra x'sar minnha din il-vettura u ovvjament sirna nafu illi din il-vettura kienet qiegħda hemmhekk biss kellha l-liċenzja tagħha li kienet skaduta jiġifieri kienet prattikament ma kienx qed isir użu minnha din il-vettura. Sussegwentement ftit tal-jiem wara s-Sinjura Pauline Ellul irrikorriet ġewwa l-għassa ta' Ħal Qormi fejn stqarret illi l-vettura tagħha kienet tinsab ġewwa garaxx ġewwa ż-Żurrieq u qaltilna illi l-garaxx huwa ta' ċertu Charlot Falzon magħruf bħala Il-Ħasi. Hija stqarret ukoll illi din il-vettura tagħha kienet diġà bdiet titqatta' u kien hemm diversi parts illi kienu jidhru nieqsa mill-istess vettura. Sussegwentement is-surġent 274 kien mar fuq l-post ġewwa l-garaxx tal-istess imputat Charlot Falzon fejn irriżulta illi din il-vettura spiċċat fil-pussess tal-imputat meta kien hemm ċertu Owen Camilleri illi dan kien ħadhielu fuq il-post u qablu illi kienu ser ipartu din il-BMW ma' vettura oħra tal-għamla Peugeot. Sussegwentement għall-bidu l-parte civile waslu fi ftehim bejn l-imputat u l-istess parte civile illi kien ser jerġa' jarma din il-BMW fl-istat oriġinali illi kienet u kien ser jirritornaha lura. Biss, wara li għadda ftit taż-żmien ma kienx hemm progress f'din il-karozza u allura kien hemm il-fatt illi l-pulizija marru fuq il-post, tkellmu mas-Sur Charlot Falzon, il-vettura ttieħdet minn ġewwa l-garaxx tal-imputat u marret ġewwa St. Andrew's sabiex issir investigazzjoni, fejn hemmhekk is-Sur Falzon, jiena kont tlabtu jiġi ġewwa l-għassa sabiex jiġi mitkellem. Fil-fatt dan hekk għamel, ġie fid-dsatax (19) ta' April tal-elfejn u dsatax (2019) fejn jiena kont tajtu s-solitu twissija u d-dritt li jikkonsulta ma' avukat*

[1] Fol.118

*tal-fiduċju tiegħu, fejn dan prattikament kien irrilaxxa stqarrija u din l-istqarrija kien spjega lill-pulizija illi kien avviċinah Owen Camilleri fejn kien qallu li kellu vettura tal-għamla BMW 5 Series u waslu fi ftehim biex ipartathielu ma' Peugeot 406 minħabba l-fatt illi l-Sur Falzon kien jaħdem ukoll il-karozzi tal-għamla BMW, allura waqt l-istqarrija huwa qal illi kellu problema sabiex iżomm din il-BMW minħabba li l-garaxx kien mimli u kien hu flimkien ma' Owen Camilleri kienu qed iqattgħu din il-vettura sabiex ikunu jistgħu jippustjawha u jkun jista' l-imputat jinnegozja l-parts ta' din il-vettura.".*[2]

Giet esebita l-istqarrija tal-imputat.[3] Dwar il-BMW, Owen Camilleri kien qallu li peress li kellu licenzja gholja, hu skrappjah u staqsieh kienx lest ipartu ma Peugot 406 u hu accetta.[4] Kien Camilleri li ha l-BMW ghandu migbud. Dokument li juri li l-vetttura giet *scrapped* ma kienx ingab lilu ghalkemm Camilleri kien weghdu li kien ser igib dak id-dokument.[5]

**PS274 James Turner** spjega kif meta marret taghmel rapport Ellul, *"Kien ġie ċertu wieħed Nikolai Tabone magħha fejn qal li kien mar jixtri l-parts m'għand wieħed Il-Ħasi, iż-Żurrieq, u ra l-BMW tagħha u kien ċemplilha. Aħna morna fuq il-post, Triq Fortunat Dalli, iż-Żurrieq, number seventy-four (74) eżattament il-garaxx, il-garaxx tal-Ħasi, fejn kien hemm il-BMW merfugħ fuq il-ġakk. Prattikament il-BMW kien biċċiet, biċċiet fis-sens iċ-chassis kien qiegħed hemm, kien hemm mudguards maqlugħin .......... Hemm il-BMW fuq il-ġakk, parts neqsin, il-faċċata tal-bieb u kollox. Aħna konna tkellimna ma' sid il-garaxx Charlot Falzon fejn qalilna li kien xtara l-BMW bil-prezz ta' xi tlett elef (~ 3,000) m'għand wieħed il-Kamillu, li wara irriżulta kien Owen Camilleri, u qal kien qalilna li kien ġabulu b'tow truck vann żgħir xi erbat ijiem qabel, il-Ħadd ta' qabel jekk mhux sejjer żball, il-ġurnata tat-tlettax (13).".*[6] Esebixxa ritratti li ttiehdu minnu li juru l-istat li kien fih il-BMW.[7]

**PS1502 Richard Grech** iddeskriva kif wara li sar ir-rapport minn Ellul, kompla bl-investigazzjonijiet tieghu billi analizza il-filmati tas-cctv tal-*Park & Ride* u Transport Malta li rrizultaw fin-negattiv. Ipprezenta l-**Current Incident Report** redatt minn **PC299 Damian Cilia** izda li fih hemm aggornament maghmul minnu.[8] Il-vettura instabet ghand il-Hasi Garage, sitwat f'74, Triq Fortunat Dalli, Zurrieq.[9] Id-difiza ezentat lill-prosekuzzjoni mill-htiega li tipproduci

---

[2] Fol.9-10
[3] **Dok.RA** a fol.10-11
[4] Fol.10
[5] Fol.11
[6] Fol.18-19
[7] **Dok.JT** a fol. 20
[8] **Dok.RG** a fol. 23-27
[9] Fol.26

bhala xhieda lil PC299 biex jikkonferma r-rapport kif ukoll lil PS Turner biex jikkonferma l-aggornament maghmul minnu fuq l-istess rapport.[10]

**Pauline Ellul** spjegat kif wara li kienet halliet il-vettura BMW fil-Park and Ride tal-Marsa, ma regghetx sabitha.[11] Habib taghha kien mar jixtri il-*parts* ghall-vettura tieghu minghand il-garaxx tal-imputat u hemm ra l-BMW taghha u gharfu li kien misruq. Tkompli, *"Dan ċempel lili xħin ħareġ barra. Qallu li kien ħa jċempel lil sid il-karozza, jien mort fuq il-post, sibt il-karozza żarmata. Ġiegħelt lilu jgħidli minn fejn ġabha u hekk ġara, qalli li ġabha mingħand Owen, partatha ma' Peugeot ...... Jiena xtrajtha għoxrin elf Maltin (Lm20,000) u ħallastilha għaxra Maltin (Lm10,(000)) ..... Ħdax-il sena ilu, ....Hi bażikament tiġini kważi tletin elf Maltin (Lm30,000)".*[12] Hallset madwar €49,000 lid-*dealer* u kienet ghada thallasha.[13] Meta tkellmet mal-imputat irrimarkat mieghu li l-vettura kienet ghada gdida b'*mileage* baxx, fatturi indikativi li kienet misruqa izda hu sahaq li min tahielu qallu li ma riedx ikompli jhallsilha l-licenzja peress li kienet gholja w **tawh il-vettura bic-cavetta**. Dan id-dettal jigi **kontradett** propju minn Owen Camilleri li jghid li <u>tahielu bla cavetta</u>!

Quddiema, Falzon beda jipprova jcempel lil Camilleri izda qalilha li ma bedhiex jirrispondi. Apparti ghal €49,000 ghall-BMW hallsitilha €23,000 dazju.[14] Izzid, *"Għalhekk ħadtha bi kbira. Jiena għidtlu, "Kif ma ndunajtx! Ma kienx fiha lanqas daqqa! La xejn, ġdida fjamanta!" għax għalhekk ma fihiex milage, għax jien ma kontx nużaha għal kuljum....... Hu qalli li qalulu li għadha bin-numri tal-Ingilterra. Qalli, "jien ma nifhimx daqshekk, ma ndunajtx."* ***Qalli, "u ma startjajthiex biex ninduna kemm fiha mileage.""***.[15]

In kontro-ezami tixhed li l-imputat qalilha li hu ma kellux x'jaqsam fis-serq tal-BMW u kien xtrah minghand certu Owen Camilleri li kien qallu li ma riedx ikompli jhallas il-licenzja tieghu. Ghalkemm jidher li Camilleri ma wegibx lil Falzon, lil Ellul wegibha meta dahhlet fuq il-Facebook *profile* tieghu.[16] **Ic-cavetta li kellu mieghu il-BMW kienet tiftah il-bieba w iddawwar l-*ignition*.**[17]

**Mark Micallef**, espert inkarigat mill-qorti, xehed li meta nxtrat il-vettura kienet tiswa €35,000-€45,000 izda fis-sena 2019 giet tiswa **€12,700-€13,700**, u dan skond

---

[10] Vide verbal tat-18 ta' Novembru, 2019 a fol. 112
[11] Fol.28
[12] Fol.29-30
[13] Fol.30
[14] Fol.31
[15] Fol.33
[16] Fol.35-36
[17] Fol.36

il-kundizzjoni w l-*mileage* taghha.[18] Incidentalment kien ghamel *surveyor's report* fuqha f'Marzu, 2016, u dan gie esebit flimkien mar-rapport tieghu.[19] Il-karozza kellha biss *wreck value* li ma jistax jigi stamat.[20]

**Vanessa Camilleri** in rapprezentanza ta' Transport Malta kkonfermat li l-vettura giet registrata fuq Pauline Ellul minn Marzu, 2010.[21]

**Owen Camilleri,** li kien gja` gie gudikat dwar l-istess kaz, xehed li kien partat il-BMW ma Peugot 406 propjeta` tal-imputat. Bieghu biex jitqatta' ghall-*parts.* Kien hu li resaq ghand l-imputat biex ippartat il-BMW mal-Peugot.[22] Il-BMW gie f'idejh minghand terz li qallu li ried jehles minnu, w hu ra li seta' jaghmel qliegh w accettah avolja ma kellux dokumenti tieghu. Jghid: *"la ma kellix karti jien fil-bidu ma kellix idea x'kien gara minnu din il-karozza BMW 530…… Charlot Falzon kien staqsieni fuq kundizzjoni u* ***hekk u kien gie jarrah****".*[23] **Falzon kien staqsieh ghall-karti u *log book* izda hu qallu li ma kellux, sahansitra kien avzah minn qabel *"kienet all right ghalih".*** Hu hadlu l-BMW migbud[24] ***"Ghax ma kellix cavetta u ma kienx jistartja……Jien hsibtha li qisha karozza li sejra ghal iscrap".*** Qatt ma sar diskors ma Falzon li din il-vettura ma gietx akkwistata b'mod lecitu.[25] Lill-persuna li xtrah minghandu staqsieh ghaliex ried ibieghu izda dan evita d-domanda w ma regax staqsieh. Lil Falzon ma kien qallu b'xejn minn dan: ***"Ghidtlu li ma kelli xejn tieghu, dak kollu…… Kien staqsieni fuq il-karti u hekk fil-bidu, l-bqija dak kollox***[26]*…**Kien staqsieni jekk ghandix xi log book jew hekk u jiena ghidtlu li ma kellix, assolutament xejn. Karozza, body, dak kollox…ma kien qalli xejn dak iz-zmien".*** Falzon hu *mechanic* u jekk ikollu *parts* gja ghandu, kien jiffranka kemm hu kif ukoll il-klijent li jmur isewwi ghandu.[27] Jinsisti li hu ma kienx jaf li l-BMW kien misruq u kif ma xtaqx jidhol fl-inkwiet hu, ma riedx idahhal lil Falzon fl-inkwiet lanqas.[28]

Meta mitkellem mill-pulizija Camilleri qal li l-**BMW nbiegh lil Falzon ghal €3,500.**[29] Ghalkemm fix-xhieda tieghu *viva voce* ma jsemmix l-ammont li ghalih inbiegh l-BMW, Camilleri jaghmel riferenza ghall-istqarrija tieghu li rrilaxxa

[18] Fol.40-41.
[19] **Dok.MM** a fol.43 et seq
[20] Fol.41
[21] Fol.89 et seq
[22] Fol.103
[23] Fol.104
[24] Fol.105
[25] Fol.106
[26] Fol.107
[27] Fol.108
[28] Fol.108
[29] Fol.27

wara li l-pulizija identifikatu w *"haduni ghal investigazzjoni u l-istatement u tlajna hawnhekk. L-istatement ghidt dak li ghidt illum hawnhekk."*[30]

Il-fatti saljenti li jirrizultaw mill-provi huma is-segwenti:

1. L-imputat stqarr mal-pulizija li dokument li juri li l-vettura giet *scrapped* ma kienx ingab lilu ghalkemm Camilleri kien weghdu li kien ser igib dak id-dokument.[31]

2. L-imputat kien ***mechanic.*** Dan ifisser li bhala bniedem tal-mestjier, l-imputat kien **konxxju tal-importanza li karozza tkun munita bid-dokumentazzjoni kollha relattiva.** Certament ma ghandux mis-sewwa li karozza li baqghet f'kundizzjoni sewwa hafna titqatta' ghall-iscrap minghajr dokument li din effettivament giet *scrapped*! Bhala mghallem fis-settur jaf ben tajjeb li **minghajr *log book* u ghalhekk titolu, ma setghax jiddisponi minn vettura.** Iktar u iktar tenut kont li l-BMW inhata lilu **bla cavetta** tant li kellu jigi *towed* ghal ghandu peress li bla cavetta ma kienx jistartja!

3. Owen Camilleri semma' kemm il-darba l-indifferenza tal-imputat ghall-fatt li Camilleri li hadlu BMW tiswa madwar **€13,000**, ma kellha **l-ebda dokument, la *logbook* u lanqas *scrap certificate*.** L-istess BMW li nbieghet ghal **€3,500**:[32]

   (a) *"la ma kellix karti jien fil-bidu ma kellix idea x'kien gara minnu din il-karozza BMW 530…… Charlot Falzon kien staqsieni fuq kundizzjoni u hekk u kien gie jarrah"*[33];

   (b) Falzon kien staqsieh ghall-karti u *log book* **izda hu qallu li ma kellux,** sahansitra kien avzah minn qabel ***"kienet all right ghalih"***[34]**;**

   (c) *"Ghax **ma kellix cavetta u ma kienx jistartja… …**"*[35] ;

   (d) ***"Ghidtlu li ma kelli xejn tieghu,*** *dak kollu……* ***Kien staqsieni fuq il-karti u hekk fil-bidu,*** *l-bqija dak kollox*[36]*…**Kien staqsieni jekk ghandix xi***

---

[30] Fol.106
[31] Fol.11
[32] Fol.27
[33] Fol.104
[34] Fol.105
[35] Fol.106
[36] Fol.107

***log book jew hekk u jiena ghidtlu li ma kellix, assolutament xejn. Karozza, body, dak kollox… ….ma kien qalli xejn dak iz-zmien".***[37]

Jigi sottolinejat is-segwenti estratt mid-deposizzjoni ta' Camilleri:

*"Qorti: Staqsiek xi domandi fuqu [il-BMW] Falzon?*
*Xhud: Charlot Falzon kien staqsieni fuq kundizzjoni u hekk u kien gie jarrah*
*Qorti: Kien rah?*
*Xhud: Iva*
***Qorti: Ma staqsiekx jekk hux mahmug dan?***
***Xhud: Le….***
***Pros: Qallek ghal xi karti jew ghal xi log book?***
***Xhud: Karti u log book le, kont ghidtlu li ma ghandhix***
*Qorti: Imma kien talbek imma u staqsik?*
*Xhud: kien talabni ghall-karti u ghall-log book u* ***avzajtu minn qabel li ma kellix il-karti***
*Qorti: U hu x'qallek imbghad kif ghidtlu li ma kellekx karti?*
*Xhud:* ***kienet all right ghalih***[38]***….***
*Qorti: Ghaliex kellek bzonn tigbdu [l-BMW]?*
*Xhud:* ***Ghax ma kellix cavetta u ma kienx jistartja"***[39]

4. Ma jaghmel ebda sens dak li Falzon qal lil Ellul, u cioe` li ma hasibx hazin peress li qalulu li l-vettura ghandha numri tal-Ingilterra: *"Jiena għidtlu, "Kif ma ndunajtx! Ma kienx fiha lanqas daqqa! La xejn, ġdida fjamanta!" għax għalhekk ma fihiex milage, għax jien ma kontx nużaha għal kuljum. Hu qalli li qalulu li għadha bin-numri tal-Ingilterra. Qalli, "jien ma nifhimx daqshekk, ma ndunajtx." Qalli, "u ma startjajthiex biex ninduna kemm fiha milage."".*[40]

   Mela x'mechanic hu dan? Jinghad bla tlaqliq li ma jaghmel ebda differenza x'targa ta' registrazzjoni ghandha vettura, dokument li din giet *scrapped* u li juri lil minn tappartjeni dejjem jinhtieg!

5. Mas-Surgent Turner Falzon *a tempo vergine* stqarr li ma ra xejn hazin ghall-fatt li l-vettura **ttiehdet ghandu minghajr *number plates***! Fil-**Current Incident Report** insibu: *"huwa stqarr li xtrah minghand wiehed Owen Camilleri ..... u* ***mal-vettura ma tah ebda numru ta' registrazzjoni u ghal dan il-fatt haseb li l-vettura kienet ta' barra u mhux irregistrata"!***[41]

---

[37] Fol.108
[38] Fol.104-105
[39] Fol.106
[40] Fol.33
[41] Fol.26

Imma x'ragunament hu dan? Kif jista' qatt jitwemmen li bhala professjonist fis-settur ma kienx jaf li vetturi gejjin minn barra iridu jigu registrati? U jekk ma gietx registrata, ghaliex? Pjanci jew minghajrhom kull vettura li tintuza fi triq, hekk kif kienet tidher il-BMW tenut kont tal-kundizzjoni tajba li kienet fiha, <u>bilfors</u> trid tkun registrata!!

Iktar u iktar tqanqal suspett **meta minbarra pjanci ta' registrazzjoni nieqsa, il-BMW lanqas kellha dokumenti!!**

Certament Falzon kien jaf li l-Ingilterra jirregistraw vetturi bhal ma jsir f'pajjizna. Certament kien jaf li sabiex vettura tintuza fit-triq f'Malta, il-vettura trid tigi registrata. Certament kien jaf li vetturi biex jiddahhlu Malta irid ikollhom id-dokumentazzjoni relattiva kollha.

**Vettura bla dokumentazzjoni u minghajr pjanci ma setghetx ma wrietx b'mod cjar w inekwivoku li din ma kienitx ta' provvenjenza lecita.**

6. Daqstant iehor hu inveritjier Falzon meta jghid lil Ellul li l-vettura inghatat lilu **b'cavetta.** Ellul tixhed: *"għidtlu, "Ma indunajtx li fifty-eight biss fiha?!" Qalli, "jiena ma tistartjax il-karozza għax jien xtrajtha biex inqattagħha." Għidtlu, "Ma ndunajtx li lanqas daqqiet ma fiha u karozza ġdida!?" Qalli, "Imma huma qaluli li din tal-liċenzja għolja u li għandha xi ħaġa li ma tistartjax." Huma taw ċavetta oħra – kif qalli hu qed ngħid jien –* ***qalli, "Jiena ġabuha hawn b'din iċ-ċavetta," u veru li urhieli ċ-ċavetta".***[42]

Isir riferenza ghall-estratt segwenti tal-kontro-ezami ta' Ellul:

*"Difiża: Issa, inti għidt fix-xhieda tiegħek li uriek xi ċavetta.*
*Ix-xhud: Iva.*
*Difiża: Din x'ċavetta kienet? Din kienet ċavetta ta' BMW ukoll?*
*Ix-xhud:* ***Ma taħdimx, just biss kemm tiftaħ il-karozza.*** *Qatgħuha, ma nafx hux hu jew l-ieħor, ma nafx.*
*Il-Qorti: Iċ-ċavetta,*
*Ix-xhud: Iċ-ċavetta oriġinali kienet għandi hux.*
***Il-Qorti: Jiġifieri din saret ċavetta falza għaliha.***
***Ix-xhud: Iva, iva.***
*Difiża: U ċ-ċavetta li kellu s-Sinjur kienet tiftaħ il-bieba jiġifieri?*
*Ix-xhud:* ***Iva. U ddaħħal fl-ignition u kemm iddawwar l-isteering.***
*Difiża: Imma ma tistartjax il-vettura.*
*Ix-xhud: Le.*
*Il-Qorti: Kif taf?*

[42] Fol.31

*Ix-xhud:* *Hekk <u>qalli hu</u>.*
*Il-Qorti:* *Eh, għax qallek hu.*
*Difiża:* *Però naqblu jiġifieri li kellu ċavetta, iċ-ċavetta kienet tiftaħ il-bieba, u ċ-ċavetta kienet iddawwar l-ignition.".*

Kif seta' ma jitqanqalx suspett f'Falzon meta kien jaf li BMW f'kundizzjoni hekk tajba, lanqas cavetta ma kellha li permezz taghha l-vettura setghet tinstaq? Kemm jaghmel sens li vettura – irrispettivament ghal liema skop tkun inxtrat – ma tinbiehx bic-cavetta li tippermetti li din tinstaq? Il-Qorti ma ghandhiex dubbju li bhala mechanic Falzon mill-ewwel intebah bil-provvenjenza dubbjuza ta' din il-vettura li minbarra li kienet nieqsa mill-pjanci ta' registrazzjoni, mis-*scrap certificate* u mill-*log book,* issa lanqas cavetta li kienet tista' tinstaq biha ma kellha!

7. F'Jannar, 2019, il-BMW kien jiswa madwar **€13,000**.

8. Fl-*statement* irrilaxxat minn Camilleri dan stqarr li kien biegh l-BMW lill-imputat ghal **€3,500** wara li xtrah ghal €3,000.

Fid-dawl ta' dawn ir-rizultanzi processwali, isir riferenza ghas-sentenza **Il-Pulizija vs Darren Debono**:[43]

> Illi skond il-gurisprudenza sabiex persuna tinstab hatja ta' ricettazzjoni hu mehtieg li jikkonkorru is-segwenti tlitt rekwiziti u cioe' :
>
> 1. il-provenjenza llegittima tal-oggett in kwistjoni ossia li jkun insteraq, jew gie mehud b' qerq jew akkwistat b' reat iehor;
> 2. l-akkuzat irid ikun laqa' ghandu jew xtara tali oggett li ghandu provenjenza llegittima w
> 3. fil-mument tal-akkwist, l-akkuzat kien jaf bil-provenjenza llegittima tal-oggett in kwistjoni (ara App. Krim **"Il-Pulizija vs. Bugelli"** [24.1.1942]; **"Il-Pulizija vs. Giovanni Grima"** [25.10.2002])
>
> L-element formali ta' dar-reat hu li l-akkuzat kien konsapevoli tal-provenjenza illecita tal-oggett suggett ta-rricettazzjoni.
>
> Dan ir-rekwizit jista' jigi pruvat kemm minn provi diretti kif ukoll minn provi indizjarji. Hekk fl-Appell Kriminali **"Il-Pulizija vs. John Briguglio"** [24.6.1961] (per Harding J.) kien gie ritenut li :-
>
> "*Min jakkwista oggett taht cirkostanzi li fihom imissu jissuspetta li dak l-oggett kellu provenjenza illegittima, u ntant ma jaghmel xejn biex jikkontrolla dik il-provenjenza, u jaghalaq ghajnejh, huwa hati ta' din in-negligenza u kwindi ta' ricettazzjoni."*

[43] Qorti tal-Appell Kriminali Per Onor. Imhallef Joseph Galea Debono; Deciza 15 ta' Jannar, 2009; Appell Kriminali Nru.245/2008

Gie ukoll ritenut li dan l-element formali tar-reat in dizamina ikun jissussisti anki jekk l-akkuzat ikun irceva jew xtara l-oggett fil-waqt li jkollu jew inkella imissu kellu suspett li l-persuna li taghtu dak l-oggett setghet giet f'pussess ta' dak l-oggett b' mod illecitu w b' dana kollu xorta jilqa' ghandu jew jixtri tali oggett minghajr ma jaghmel xejn biex jivverifika u jaccerta ruhu li l-pussess ta' dik il-persuna l-ohra kien wiehed legittimu u mhux kif kien qed jissusspetta hu. (ara App. Krim. **"Il-Pulizija vs. J. Briguglio"** [24.6.1961]; **"Il-Pulizija vs. John Dimech"** [24.6.1961]; **"Il-Pulizija vs. George Tabone"** [24.6.1961] u "**Il-Pulizija vs. Tancred Borg"** [26.10.1998])

S' intendi ix-xjenza mehtiega fir-ricettattur tirrigwarda l-provenjenza kriminuza generika u ma tirreferix ghad-dettalji specifici tar-reat principali. (Ara App. Krim. **"Il-Pulizija vs. Joseph Piscopo"** [21.3.1953]; "**Il-Pulizija vs. Nazzareno Zarb"** [16.12.1998] u ohrajn)

Kif jghid il-KENNY :

*"The knowledge : The prisoner must have received the stolen goods with knowledge then of their having been stolen.. Such knowledge may be presumed prima facie if he knew of circumstances so suspicious as to convince any reasonable man that the goods had been stolen - e.g. …when an unlikely vendor offers them for an unlikely price … His subsequent conduct may be evidence of such knowledge - e.g. .. selling them surreptitiously … or making no written entry of having bought them."*

Illi kif qalet din il-Qorti diversament preseduta (per V. De Gaetano J., fl-Appell Kriminali : "**Il-Pulizija vs. Emanuel Seisun et."[**26.8.1998]); it-teorija Ingliza "*of unlawful possession of recently stolen goods*" issib ukoll applikazzjoni fis-sistema legali taghna, ghax in tema ta' *"law of evidence"* il-gurisprudenza taghna ssegwi hafna dik Ingliza. Din it-teorija ma hi xejn hlief l-applikazzjoni tal-buon sens ghal cirkostanzi partikolari li jkunu jirrizultaw pruvati, fis-sens li meta jigu ppruvati certi fatti, dawn jistghu wahedhom iwasslu ragjonevolment ghall-konkluzzjoni li persuna partikolari tkun hatja tar-reat ta' serq tal-oggetti misjuba ghandha jew, skond ic-cirkostanzi, tar-reat ta' ricettazzjoni ta' dawk l-oggetti.

F' dik is-sentenza din il-Qorti ccitat mill-**Archbold** :

Criminal Pleading, Evidence and Practice, 1997, paras. 21-125, 21-126):-

*"In R. v. Smythe, 72 Cr. App. R. & C.A., the court stressed that it is a misconception to think that recent possession is a material consideration only in cases of handling: it adopted the following passage from **Cross on Evidence** , 5th. ed., p.49 (now 8th. ed.., p.35): "if someone is found in possession of goods soon after they have been missed, and he fails to give a credible explanation of the manner in which he came by them, the jury are justified in inferring that he was either the thief or else guilty of dishonestly handling the goods, knowing or believing them to have been stolen….The absence of an explanation is equally significant whether the case is being considered as one of theft or handling, but it has come into particular prominence in connection with the latter because persons found in possession of stolen goods are apt to say that they acquired them innocently from someone else. Where the only evidence is that the defendant on a charge of handling was in possession of stolen goods, a jury may infer guilty knowledge or belief (a) if he offers no explanation to account for his possession, or (b) if the jury is satisfied that the explanation he does offer is untrue."*

*"Every case depends on its own facts. ….It would be impossible to compile a definitive list of circumstances which might be relevant. They will include, however, the time and place of the*

*theft, the type of property stolen, the likelihood of it being sold on quickly, the circumstances of the defendant, whether he has any connection with the victim or with the place where the theft occurred, anything said by the defendant and how that fits in or does not fit in with the other available evidence."* (ara ukoll f' dan is-sens **:"Il-Pulizija vs. Carmel Debono"** [1.11.1996], **"Il-Pulizija vs.Richard Spiteri "** [31.8.2006] u ohrajn).

Fid-dawl tal-provi migjuba u fuq dan l-insenjament, mhemmx dubbju li l-BMW kien misruq, l-imputat laqghu ghandu w kien ben konxxju tal-provvenjenza illecita tal-istess vettura. Ghalhekk l-ewwel imputazzjoni giet ampjament ippruvata.

Ma ngabet l-ebda prova li turi li l-imputat jista' jigi kkunsidrat bhala recediv, tenut kont li kif tixhed anke l-fedina penali tieghu, hu gie liberat taht kundizzjoni li ma jwettaqx reat iehor fi zmien sena.

Jigi sottolinejat li ghalkemm is-serq addebitat lill-imputat jirrizulta kkwalifikat ukoll bix-*"xorta tal-haga misruqa"* ai termini tal-artikolu 261(g) tal-Kodici Kriminali, dan l-artikolu ma giex indikat mill-Avukat Generali fin-nota ta' rinviju ghall-gudizzju tieghu. L-artikolu 271 tal-Kodici Kriminali jipprovdi:

271. Is-serq huwa ikkwalifikat bix-"xorta tal-ħaġa misruqa" –.......

(*g*) meta jsir fuq xi vettura f'post pubbliku jew f'post aċċessibbli għall-pubbliku, jew fuq xi parti jew aċċessorju ta', jew fuq xi ħaġa li tkun ġo, dik il-vettura;

In konsiderazzjoni tal-piena l-Qorti qiset in-natura tar-reat li qed tinstab htija dwaru, kif ukoll tac-cirkostanzi tal-kaz fosthom li minkejja li gharaf in-nuqqasijiet tieghu, Ellul baqghet ma giet kkumpensata bl-ebda mod mill-imputat.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat l-Artikoli 334(a), 261(c), 267 u 279(b) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, filwaqt li tillibera lill-imputat mill-addebitu tar-recidiva, issib lill-imputat hati tal-ewwel imputazzjoni u tikkundannah ghal **ghoxrin (20) xahar prigunerija** li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kodici Kriminali, qed jigu sospizi ghal tlett (3) snin millum.

Finalment wara li rat l-artikolu 532A tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta, moqri flimkien mal-artikolu 24 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, tordna lill-hati jhallas lil Pauline Ellul is-somma ta' sitt elef tlett mija u hamsin Ewro (**€6,350)** ratejalment b'rati mensili.[44] L-ammont kollu ghandu jithallas saz-zmien sena millum.

Il-Qorti spjegat lill-hati l-konsegwenzi jekk jikkommetti reat iehor waqt il-perjodu operattiv ta' din is-sentenza.

**Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**
**Magistrat**

[44] Vide Relazzjoni **Dok.MM**. €6,350 rapprezentanti nofs l-ammont ta' €12,700 tenut kont li Owen Camilleri gie kkundannat ihallas in-nofs l-iehor.